PARLAMENT EWROPEW

2004 2009

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2008/0217(COD)**

10.3.2009

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu
(COM(2008)0704 – C6-0397/2008 – 2008/0217(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi reġim tar-reġistrazzjoni u tas-sorveljanza li jorbot legalment għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li joħorġu l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħsuba primarjament għall-użu għal skopijiet regolatorji minn istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investiment, impriżi tal-assigurazzjoni, tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni, skemi ta' investiment kollettiv u fondi tal-pensjoni. L-objettiv ewlieni tal-proposta huwa li jiġi żgurat li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu użati fil-Komunità jkunu indipendenti, oġġettivi u tal-ogħla kwalità.

Ir-rapporteur għal opinjoni tqajjem dawn il-punti ewlenin li ġejjin fir-rigward tal-qasam tal-kompetenzi tas-soltu tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali:

**Huwa xieraq li l-proposta tkun ibbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif inhu propost, jew għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 47(2) tiegħu?**

L-Artikolu 95 jikkonċerna l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

L-Artikolu 47(2) tat-Trattat, li jagħmel parti mill-Kapitolu 2 dwar il-Libertà tal-Istabbiliment, jirrigwarda 'Il-moviment liberu tal-persuni, servizzi u kapital' u l-miżuri ta' armonizzazzjoni kollha għas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni Ewropea s'issa ġew adottati fuq il-bażi legali tal-Artikolu 47(2). Dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet tal-kreditu (Direttiva 2006/48/KE), id-ditti tal-investiment (Direttiva 2004/39/KE), l-impriżi tal-assigurazzjoni (Direttiva 2002/83), l-impriżi tar-riassigurazzjoni (Direttiva 2005/68/KE), l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS - qed tiġi mfassla mill-ġdid), l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (Direttiva 2003/41/KE).

Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-objettiv tal-proposta attwali, biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li bihom l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jistgħu jiġu stabbiliti u joperaw fl-Unjoni Ewropea, jidher li jkun inkluż ukoll fl-ambitu tal-Artikolu 47(2).

**Il-proposta għandha tkun fil-forma ta' Regolament jew Direttiva?**

Wieħed jifhem ir-raġunijiet għalfejn kien preferut Regolament minflok Direttiva fil-kuntest u fl-ambjent finanzjarju attwali, u sabiex tintlaħaq implimentazzjoni konsistenti u rapida. Madankollu l-Artikolu 47(2) jistipula li l-koordinazzjoni rigward l-aċċess għall-attivitajiet jew il-professjonijiet stipulati u l-eżerċizzju tagħhom għandha ssir biss permezz ta' Direttivi, u teskludi l-użu tar-Regolamenti.

Jekk hu meqjus li l-argumenti favur l-użu ta' Regolament f'dan il-każ partikolari huma validi, u għaldaqstant jinżamm l-Artikolu 95 bħala l-bażi legali, għandhom jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet ta' dan.

**Kriterji ta' Tmexxija**

Fil-kriterji tat-tmexxija fit-Taqsima A tal-Anness hu propost li diretturi mhux eżekuttivi jwettqu ċerti responsabilitajiet maħsuba biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-klassifikazzjonijiet. Dan l-irwol essenzjalment hu maħsub biex jiġu mħarsa l-partijiet esterni: l-investituri u s-swieq. Mhux ċar jekk dan hux fiċ-ċirkostanzi kollha funzjoni xierqa għal direttur mhux eżekuttiv li jirrappreżenta wkoll lill-azzjonisti. F'xi Stati Membri jista' jkun possibbli għal diretturi mhux eżekuttivi li jkollhom funzjoni bħal din, iżda m'hemmx bżonn li wieħed ikun daqstant preskrittiv, u r-rapporteur tipproponi li l-bord amministrattiv jew superviżorju jkun suġġett għal persuni li jwettqu funzjoni ta' monitoraġġ indipendenti. Dawn jistgħu jkunu diretturi mhux eżekuttivi jekk ikun xieraq li jsir hekk. Għal grupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni m'hemmx bżonn ta' duplikazzjoni, u l-funzjoni tista' tkun għall-grupp sħiħ.

**Ir-responsabilità ċivili**

Il-proposta attwali tissuġġerixxi li r-regolament se jiffaċilita l-litigazzjoni. Ir-rapporteur tqis li m'hemmx għalfejn jiġu estiżi r-responsabilitajiet ċivili attwalment disponibbli fl-Istati Membri li b'mod ġenerali diġà jkopru każijiet ta' negliġenza kbira u mġiba ħażina. Fil-fatt ikun perikoluż li tiġi inkoraġġita, jew iffaċilitata, litigazzjoni li tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-klassifikazzjoni u tagħti lok għall-possibilità ta' rikatti u ddgħajjef dik l-indipendenza stess hu maħsub li tiġi żgurata u miżmuma. Qed tiġi mħeġġa l-attenzjoni f'dan il-qasam u qed jiġu proposti emendi biex jiġi ċċarat li m'hemm l-ebda ħsieb li jiġi estiż ir-reġim attwali tar-responsabilità.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Relazzjonijiet fit-tul bl-entitajiet bl-istess klassifikazzjoni jew partijiet terzi relatati magħhom jistgħu jikkompromettu l-indipendenza ta’ analisti ***u persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.*** Għalhekk dawk l-analisti ***u persuni*** għandhom ikunu suġġetti għal mekkaniżmu tar-rotazzjoni. | (13) Relazzjonijiet fit-tul bl-entitajiet bl-istess klassifikazzjoni jew partijiet terzi relatati magħhom jistgħu jikkompromettu *l*-indipendenza ta’ analisti ***li huma f'kuntatt dirett mal-***persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Għalhekk dawk l-analisti għandhom ikunu suġġetti għal mekkaniżmu ***mandatorju*** tar- |

rotazzjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konflitt ta'interess għall-analisti li huma f'kuntatt frekwenti mal-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu m'għandux jitħalla. Il-kumitati tal-klassifikazzjoni mhumiex f'kuntatt dirett u għandhom ħiliet settorjali ta' valur.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex tiżgura l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tieħu miżuri biex tiżgura li l-informazzjoni li tuża biex tassenja *klassifikazzjoniklassifikazzjoni hija* kredibbli. Għal dan il-għan, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu *jistgħu jistennew*, fost elementi *oħrajn* dipendenza fuq kontijiet finanzjarji vverifikati independentement u żvelar pubbliku; verifika minn servizzi ta' partijiet terzi b'reputazzjoni; eżami ta' teħid ta' kampjuni bl-addoċċ *bl*-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-informazzjoni riċevuta; jew dispożizzjonijiet kuntrattwali li jistipulaw obbligazzjoni biċ-ċar għall-entità kklassifikata jew il-partijiet terzi relatati *tagħhom*, jekk l-informazzjoni pprovduta *taħt il*-kuntratt hija magħrufa bħala falza b'mod materjali jew li tiżgwida jew jekk l-entità kklassifikata jew il-partijiet *terza* relatati tagħha jonqsu li jwettqu diliġenza raġonevoli dovuta dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni kif speċifikata *taħt it*-termini tal-kuntratt. | (15) Sabiex tiżgura l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tieħu miżuri biex tiżgura li l-informazzjoni li tuża biex tassenja *klassifikazzjoni hija* kredibbli. ***L-irwol ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mhuwiex li tivverifika d-dejta prodotta u d-diliġenza dovuta mill-emittenti u l-partijiet terzi, iżda l-aġenzija għandha taċċerta lilha nnifisha li s-sorsi li tiddependi fuqhom jiġġustifikaw dik il-fiduċja, pereżempju fuq il-bażi tar-reputazzjoni jew l-indipendenza professjonali tagħhom.*** Għal dan il-għan, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu *tista' tipprevedi*, fost elementi *oħrajn,* dipendenza fuq kontijiet finanzjarji vverifikati independentement u żvelar pubbliku; verifika minn servizzi ta' partijiet terzi b'reputazzjoni; eżami ta' teħid ta' kampjuni bl-addoċċ *mill-aġenzija* tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-informazzjoni riċevuta; jew dispożizzjonijiet kuntrattwali ***fid-dokumenti tat-tranżazzjoni*** li jistipulaw *responsabilità* biċ-ċar għall-entità kklassifikata jew il-partijiet terzi relatati *tagħha*, jekk l-informazzjoni pprovduta *fil*-kuntratt hija magħrufa bħala falza b'mod |

materjali jew li tiżgwida jew jekk l-entità kklassifikata jew il-partijiet *terzi* relatati tagħha jonqsu li jwettqu diliġenza raġonevoli dovuta dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni kif speċifikata *fit*-termini tal-kuntratt.

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li tiġi evitata l-konfużjoni dwar l-irwol tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni fir-rigward tad-diliġenza dovuta minn partijiet oħra u li fuqha jiddependu l-aġenziji tal-klassifikazzjoni.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (35) ***Aktar ma jkun riġidu u ċar il-qafas legali li fih se joperaw l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu katar ma jkun faċli ir-rikors għal azzjonijiet ċivili fir-rigward tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fil-każijiet xierqa, skont ir-reġimi applikabbli ta' responsabbiltà fl-Istati Membri.*** | (35) ***Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-liġi nazzjonali li tirregola d-dritt ta' azzjoni ċivili fir-rigward tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma mmirati għall-użu ta' skopijiet regolatorji ***jew mod ieħor*** minn istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fid-Direttiva 2006/48/KE, id-ditti tal-investiment kif definiti fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, impriżi tal-assigurazzjoni suġġetti għad-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE, impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif definiti fid-Direttiva 2002/83/KE tal- | 1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma mmirati għall-użu ta' skopijiet regolatorji minn istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fid-Direttiva 2006/48/KE, id-ditti tal-investiment kif definiti fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, impriżi tal-assigurazzjoni suġġetti għad-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE, impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif definiti fid-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament |

| | |
|---|---|
| Parlament Ewropew u tal-Kunsill, impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, impriżi għall-investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definiti taħt Direttiva [2009/XX/KE] jew istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar bl-akkomodazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u huma żvelati pubblikament jew distribwiti bl-abbonament. | Ewropew u tal-Kunsill, impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, impriżi għall-investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definiti taħt Direttiva [2009/XX/KE] jew istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar bl-akkomodazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u huma żvelati pubblikament jew distribwiti bl-abbonament. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*l-iskop tal-applikazzjoni tar-regolament għandu jkun definit b'mod ċar bl-użu ta' skopijiet regolatorji. Dawk li se jintlaqtu l-aktar b'mod ħażin bi skop daqshekk wiesa' se jkunu l-investituri u utenti oħrajn.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiżgura li l-analisti ***u l-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu*** ma jkunux involuti fil-provvista ta' servizzi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu lill-istess entità li ngħata klassifikazzjoni jew il-partijiet terzi tagħha għal perjodu li jaqbeż l-erba' snin. Għal dak l-iskop għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rotazzjoni ***dwar dawk l-analisti u persuni.*** | 4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiżgura li l-analisti ***li jkunu f'kuntatt dirett mal-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu*** ma jkunux involuti fil-provvista ta' servizzi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu lill-istess entità li ngħata klassifikazzjoni jew il-partijiet terzi tagħha għal perjodu li jaqbeż l-erba' snin. Għal din ir-raġuni għandu jkun stabbiliti mekkaniżmu ta' rotazzjoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konflitt ta' interess għall-analisti li huma f'kuntatt frekwenti mal-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu m'għandux jitħallew. Il-kumitati tal-klassifikazzjoni mhumiex f'kuntatt dirett u għandhom ħiliet settorjali ta' valur.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu li warajh l-analisti ***u persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu*** jistgħu jkunu ***involuti fil-provvista ta' servizzi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu*** lill-entità li ngħatat klassifikazzjoni jew partijiet terzi relatati fl-ewwel sottoparagrafu ma jistax ikun iqsar minn sentejn. | Il-perjodu li warajh l-analisti jistgħu jkunu ***mill-ġdid f'kuntatt dirett mal-***entità li ngħatat klassifikazzjoni jew partijiet terzi relatati msemmija fl-ewwel subparagrafu, ***sabiex jipprovdu servizzi ta' għoti ta' klassifikazzjoni*** ma jistax ikun iqsar minn sentejn. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konflitt ta' interess għall-analisti li huma f'kuntatt frekwenti mal-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu m'għandux jitħalla. Il-kumitati tal-klassifikazzjoni mhumiex f'kuntatt dirett u għandhom ħiliet settorjali ta' valur.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ikollhom aċċess għal kull *document* f'kull forma u li jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu; | (a) ikollhom aċċess għal kull *dokument* f'kull forma u li jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu ***għal użu fil-kapaċità superviżorja tagħhom***; |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jitolbu informazzjoni mingħand kull *persuni* u jekk hemm bżonn isejħu u jistaqsu persuni bil-għan li jiksbu | (b) jitolbu informazzjoni mingħand kull *persuna* u jekk hemm bżonn isejħu u jistaqsu persuni bil-għan li jiksbu |

| | |
|---|---|
| informazzjoni; | informazzjoni ***għal użu fil-kapaċità superviżorja tagħhom***; |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jkunu qed jiġu eżerċitati dawn is-setgħat għandhom japplikaw l-istess regoli li jikkonċernaw is-segretezza professjonali u l-privileġġ professjonali legali skont il-liġijiet tal-Istati Membri li japplikaw fi proċeduri superviżorji oħra għas-swieq finanzjarji.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru *lokali* tista' tieħu l-miżuri li ġejjin: | 1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru *tal-oriġini* tista' tieħu l-miżuri li ġejjin ***f'każ li jkun hemm ksur ta' dan ir-Regolament***: |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtorità kompetenti jew għal *kull* awtorità jew persuna li l-awtorità kompetenti ddelegatilhom il-kompiti, inklużi awdituri u esperti *ngaġġati* mill-awtorità kompetenti. Informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali ma tistax tkun | 1. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtorità kompetenti***, għas-CESR*** jew għal *kwalunkwe* awtorità jew persuna li l-awtorità kompetenti ddelegatilhom il-kompiti, inklużi awdituri u esperti *mqabbda* mill-awtorità kompetenti. Informazzjoni koperta mis-segretezza |

żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra minbarra meta t-tali żvelar ikun meħtieġ għal proċeduri legali.

professjonali ma tistax tkun żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra minbarra meta t-tali żvelar ikun meħtieġ għal proċeduri legali.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-ksur fih innifsu tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jagħti l-ebda dritt ta' azzjoni għal danni minn partijiet terzi litiganti u dawn it-talbiet jistgħu jsiru biss skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar ir-responsabilità ċivili.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu l-ġdid li jiġi wara l-ewwel paragrafu qed jiddaħħal biex jiġu evitati d-dubji. It-test għandu jkun dak spjegat fl-ewwel paragrafu kif implimentat fil-liġi nazzjonali.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-CESR għandu jippromwovi l-konverġenza fir-regoli applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-CESR għandu jippromwovi l-konverġenza fir-regoli applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Ilmenti*** |
| | ***Il-CESR għandu jiżgura li jiġu stabbiliti proċeduri huma stabbiliti li jħallu l-persuni li japprovaw il-klassifikazzjoni, l-investituri u partijiet oħra interessati li jissottomettu lmenti dwar il-konformità tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. L-ilmenti kollha għandhom jiġu ttrattati b'diliġenza u b'kunfidenza.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minflok proċeduri ta' litigazzjoni bla bżonn, proċeduri ta' lmenti effettivi għandhom ikunu stimulati u stabbiliti. Il-CESR għandu jkun l-awtorità li tieħu ħsieb sabiex ma jitħallix isir arbitraġġ.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31b*** |
| | ***Rimedju barra mill-qorti*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom ukoll jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' sistemi xierqa u effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti bejn aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu u dawk il-persuni li japprovaw il-klassifikazzjoni,l-investituri u fejn hu meħtieġ, partijiet oħra interessati, li jikkonċernaw il-konformità jew le tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.<br>2. L-Istati Membri għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinkoraġġixxu lil dawn il-korpi biex jikkoperaw fir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn il-fruntieri.***<br>***3. Il-CESR għandu jippromwovi l-konverġenza fl-ilmenti u l-proċeduri ta' rimedju.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minflok proċeduri ta' litigazzjoni bla bżonn, proċeduri ta' lmenti effettivi għandhom ikunu stimulati u stabbiliti.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Taqsima D – Kapitolu I – punt 3 – subparagrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F'każ li jkun hemm bidliet fil-kwalità tal-informazzjoni disponibbli għall-monitoraġġ ta' klassifikazzjoni eżistenti, dan għandu jsir pubbliku u għandha ssir reviżjoni xierqa tal-klassifikazzjoni.*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu |
| **Referenzi** | COM(2008)0704 – C6-0397/2008 – 2008/0217(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ECON |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>20.11.2008 |
| **Rapporteur**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>19.1.2009 |
| **Eżami fil-kumitat** | 12.2.2009 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.3.2009 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 16<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Neena Gill, Klaus-Heiner Lehne, Manuel Medina Ortega, Eva-Riitta Siitonen, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vicente Miguel Garcés Ramón, Jean-Paul Gauzès, Kurt Lechner, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, Ieke van den Burg |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bill Newton Dunn |